14 ta' Diċembru 1965

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

**Nazzareno sive Reno Galea**

*versus*

Joseph E. Storace nomine

**Libell — Inġurja — Danni morali — Art. 31 tal-Ordinanza ta' l-Istampa (Kap. 117).**

*F'każ ta' artikolu fuq ġurnal li jiġi dikjarat inġurjuż għax jinsinwa omiċidju volontarju lil xi persuna, id-danni morali mingħajr ma jkunu eċċessivi, għandhom ikunu eżemplari u likwidati f'somma konsistenti mad-dinjità tal-bniedem u n-natura u l-gravità tal-inġurja.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi l-konvenut, fil-kwalità tiegħu ta' Editur tal-Gazzetta "Il-Ħaddiem" ippubblika, jew ippermetta jiġi pubblikat fil-ġurnal imsejjaħ "Il-Ħaddiem", numru 431 tal-Ħamis 19 ta' Awissu, 1965, artikolu fl-ewwel paġina intitolata, "Ħabsi suspettat bil-Qtil ta' Ċafċaf" xhud importanti f'idejn il-Pulizija li jibda bil-kliem "Raġel ta' 30 sena... u jispiċċa bil-kliem "...hemm xi żviluppi ġodda?", artikolu li fih espressjonijiet inġurjużi li offendu l-attur u r-reputazzjoni tiegħu u jqegħduh fid-dirizzjoni tal-pubbliku (Dok "A") talab li l-konvenut fil-kwalità tiegħu premessa, jiġi kundannat iħallas lill-attur, bħala danni, dik is-somma li tiġi likwidata minn dina l-Qorti u li m'għandhiex teċċedi s-somma ta' erba' mitt lira (£400), bl-interessi u bl-ispejjeż u dana premessa qabel xejn

id-dikjarazzjoni illi l-artikolu in kwistjoni hu inġurjuż u diffamatorju għall-attur.

**OMISSIS:**

Peress li n-natura inġurjuża tal-artikolu u r-responsabbilità tal-konvenut għall-istess jinsabu t-tnejn ammessi, jekk mhux skond *in-nota tal-eċċezzjonijiet* — li *wara* d-dikjarazzjonijiet li l-konvenut kien għamel biex jottjeni d-desistenza tal-attur mill-kwerela penali (fol. 14) hija pjuttost sorprendenti — almenu mill-verbal fol. 8.

Peress li għalhekk l-unika kwistjoni li baqa' miftuħa għal din il-Qorti li l-likwidazzjoni tas-somma li l-konvenut għandu jiġi kundannat iħallas taħt l-art. 31 tal-Ordinanza ta' li stampa (kap. 117) in linea tad-danni morali għall-inġurja sofferta mill-attur permezz ta' dan l-att libelluż għal liema somma l-liġi ma tippreskrivi minimum imma tillimita l-massimu għal £400 barra minn kwalunkwe dannu reali kaġunati;

*Peress li hawnhekk it-talba hi biss għad-dannu morali* fl-imsemmi massimu;

Peress li l-offerta tal-konvenut (fol. 8) biex iħallas £30 barra mill-ispejjeż meħuda in konsiderazzjoni n-natura u l-kontenut tal-inġurja, mhix suffiċjenti;

Peress li s-sottomissjoni tal-konvenut (fol. 8) li d-danni ġew mitigati bl-apoloġija tiegħu fis-sedi penali. Stante li din kienet irċeviet ċerta pubbliċità, għalkemm denja ta' konsiderazzjoni l-anqas ma għandha piż kbir stante li (a) dik l-apoloġija ma kienitx pronta u spontanea, imma ġiet magħmula *biss wara li laħqu bdew il-proċedimenti penali u biex dawna* jitwaqqfu, tant hekk li fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu,

magħmula tant reċentement daqs il-15 ta' Ottubru 1965, ċioè kważi xahrejn fuq il-pubblikazzjoni tal-artikolu, il-konvenut ma eżitax jerġa' jallega li l-fatti esposti fl-artikolu kienu veru, (b) dik l-apoloġija ġiet aċċettata mill-attur bla preġudizzju tad-danni u azzjoni ċivili, kif jirriżulta mill-verbal relativ fis-sedi penali;

Peress li d-difensur tal-konvenut għalkemm talab differiment biex jippreżenta nota tal-osservazzjonijiet dwar din il-kwistjoni tal-quantum naqas li jagħmel dana, li minnu l-Qorti tista' tifhem li hu m'għandux argumenti oħra x'iġib in mitigazzjoni tad-danni barra minn dak fuq imsemmi;

Peress li d-difensur tal-konvenut ilimita ruħu biss għall-esibizzjoni tal-estratti tal-ġurnali li ppubblikaw r-rapport tal-kawża kriminali u li, fil-fehma tiegħu, permezz tal-pubblikazzjoni tal-apoloġija, immitigaw d-danni;

Peress li dawn jikkonsistu f'pubblikazzjonijiet tar-rapporti tal-proċediment penali li dehru fit-13 jew fl-14 ta' Settembru, 1965, iġifieri kważi xahar fuq l-artikolu inkriminat;

Peress illi dawn kollha jikkonsistu f'rapporti spassjonati li juru l-headline li l-konvenut kien għamel apoloġija mentri dik tal-konvenut stess (Dok ZZZ) hija maliżjuża u tneħħi l-effett kollu tal-apoloġija għaliex il-konvenut min tant headlines li setgħa jagħżel fettillu jagħżel proprju waħda li turi li l-apoloġija tiegħu ma tantx kienet ġenwina u ċioè l-headline: "L-editur jiċħad li jikxef min ta' l-informazzjoni" li ma tagħti ebda importanza lill-attur bħala vittma tal-libell imma pjuttost tiggglorifika lill-konvenut stess bħala xi eroj tal-ġornaliżmu li jipproteġġi lil kull minn jagħtih informazzjoni, anki jekk din libelluża;

Peress li għal dawn ir-raġunijiet kollha tonqos dik l-apo-

loġija skjetta, pronta u spontanea li tista' timmitiga serjament u qatt ma tneħħi għal kollox l-effetti tal-inġurja, u almenu għal tlett ġimgħat sħaħ (ċioè sakemm saret l-apoloġija fis-sedi penali) l-konvenut baqa' propolat mal-qarrejja tal-ġurnal tal-konvenut bħala l-probabbli awtur ta' omiċidju, anzi patroċinju, jew almenu bħala l-persuna li min mument għall-ieħor seta' jiġi akkużat ta' dak id-delitt mill-Pulizija, u li kontra tiegħu kien hemm xhud li rah jaħsel idejh mid-demm "wara l-każ stess";

U peress li din l-apoloġija, ġia ritardata b'dan il-mod, u preżentata mill-konvenut taħt il- "headline" fuq ċitat, fi kwalunkwe każ lanqas ma kellha tippreġudika l-azzjoni ċivili;

Peress li l-allegazzjoni li bniedem jista' jiġi akkużat ta' omiċidju volontarju hija waħda mill-iktar gravi li jistgħu jsiru kontra tiegħu;

Peress li d-dritt tal-bniedem għar-reputazzjoni tiegħu huwa assolut u d-danni morali jikber proporzjonatament għal kruha, u għal kriminalità tal-fatt disonest imputat;

Peress li l-fatt riżultanti mix-xhieda tal-attur stess li hu jinstab il-ħabs fuq sentenza ta' korruzzjoni ta' minorenni lanqas ma għandu, fil-fehma tal-Qorti, jimmitiga d-danni għaliex l-attur xorta għandu dritt li l-fama u r-reputazzjoni tiegħu fost il-proxxmu tiegħu ma jkomplux jitgħarqu;

Peress li n-natura tal-libell, iċ-ċirkostanzi tal-pubblikazzjoni relativi għalli-mġieba tal-konvenut fir-rigward tal-attur wara l-pubblikazzjoni, flimkien maċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ, juru li l-każ jimmerita danni bil-bosta superjuri għas-somma ta' £36 offerta mill-konvenut waqt din il-kawża u li s-somma li sejra tissemma 'l quddiem hija ġusta u proporzjonata għal każ;

Peress li għalkemm id-difensur tal-konvenut issottometta li f'Malta normalment d-danni likwidati huma żgħar, il-Qorti mhix wisq impressjonata f'dan l-argument, u tiddubita jekk d-difensur tal-konvenut jista' jindika każ ieħor ta' imputazzjoni jew insinwazzjoni ta' omiċidju volontarju li ġie trattat leġġerment minn dawn il-Qrati;

Peress li fl-ispeċji d-danni, mingħajr ma jkunu eċċessivi, għandhom ikunu eżemplari u konsistenti mad-dinjità tal-bniedem u n-natura u l-gravità tal-inġurja.

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' mija u ħamsin lira (£150) in sodisfazzjon tad-danni hemm mitluba, bl-ispejjeż.